# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 605/14/1 SM**

**Karina Borg Olivier f'isimha proprju kif ukoll bħala mandatarja speċjali ta' Nicolas Papaioannou, kif ukoll in rappreżentanza tad-Diplomatiku Dr Alexander u Catherine sive Kathleen konjuġi Borg Olivier u Nikolai Borg Olivier u b'digriet tat-12 ta' April 2021 l-atti ġew trasfużi f'isem l-istess Alexander u Kathleen konjuġi Borg Olivier u Karina Borg Olivier stante li Nikolai Borg Olivier miet fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Karim Cordina u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2014 il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawża ta' Sacha Muscat Inglott**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. <u>Fit-8 ta' Lulju 2014</u> ġiet intavolata din il-kawża li permezz tagħha l-atturi talbu li l-konvenut Karim Cordina jiġi dikjarat debitur tagħhom fis-

somma komplessiva ta' €373,401 (bl-imgħax mid-data tal-iskadenza għall-ħlas) u biex konsegwentement jiġi kkundannat iħallashom tali somma.

2. Fil-31 ta' Ottubru 2014 il-konvenut ippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu. L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tiegħu jaqraw hekk:

> "1. Preliminarjament, in-nullita` tal-proċeduri odjerni stante li r-rikors ġuramentat ġie ppreżentat meta r-rikorrenti li qed tidher f' isimha proprju u kif ukoll għan-nom ta' terzi kienet assenti minn Malta u residenti l-Ingilterra; dana ai termini tal-Artikolu 189 **[*korrett:* 180(1)(a) tal-Kap 12]** [1] Titolu IV tal-Ewwel Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kap 16.
>
> 2. Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, ir-rikorrenti ma tistax tidher bħala rappreżentanta ta' persuni residenti Malta kif inhuma Dr Alexander u martu Kathleen Borg Olivier u binhom Nikolai Borg Olivier għax dawn iridu jidhru fuq l-atti di sentu;"

3. Fl-1 ta' Diċembru 2015 l-ewwel Qorti laqgħet tali żewġ eċċezzjonijiet preliminari u ddikjarat il-proċedura bħala nulla. Din il-Qorti qegħda tipproduċi l-parti rilevanti mis-sentenza:

> "Ikkunsidrat:
>
> 14. Illi mix-xhieda prodotta fir-rigward jirrizulta is-segwenti:
>
> 14.1. Illi r-rikorrenti proprio et nomine hi mizzewga cittadin ingliz u hi ordinarjament residenti l-Ingilterra, (ara foll 156);
>
> 14.2. Illi l-istess rikorrenti ghandha wkoll ir-residenza taghha f'Malta, (ara foll 156);
> 14.3. Illi ghalkemm tghix abitwalment Londra, tigi Malta spiss, (ara foll 156);

[1] Permezz ta' **rikors** ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2015 il-konvenut talab **korrezzjoni** fis-sens li l-Artikolu ċitat minnu fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu għandu jaqra l-Artikolu **180(1)(a) tal-Kap 12** mhux l-**Artikolu 189 tal-Kap 16**. Dan ir-rikors ġie milqugħ permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2015.

14.4. Illi ma tafx jekk kienet Malta fit-8 ta' Lulju, 2014, ghaliex tivvjagga hafna, (ara foll 156);

14.5. Illi ma tiftakarx meta intavolat ir-rikors guramentat promotur, (ara foll 156);

14.6. Illi tikkonferma li l-affidavit taghha datat it-30 ta' Mejju, 2014, kien ikkonfermat bil-gurament mall-prokuratur legali taghha, (ara foll 15 u 156);

14.7. Illi meta mistoqsija kienitx Malta fit-8 ta' Lulju, 2014, data ta' meta gie intavolat ir-rikors guramentat promotur in dizamina, r-rikorrenti de quo iddikjarat li ma tiftakarx, (ara fol 157);

Ikkunsidrat:

15. Illi l-prokuratur legali involut jafferma s-segwenti:

15.1. Illi r-rikors guramentat promotur kien gie pprezentat fir-registru tal-qrati minnu stess, (ara foll 162);

15.2. Illi fil-gurnata meta l-imsemmi rikors kien gie pprezentat fl-istess registru, r-rikorrenti Karina Borg Olivier ma kienitx prezenti fir-registru, (ara foll 162);

15.3. Illi l-att in dizamina kien gie mahluf mill-istess rikorrenti fit-30 ta' Mejju, 2014, (ara foll 162);

15.4. Illi r-rikorrenti ma kienet halliet l-ebda prokura jew mandat fir-rigward, (ara foll 162);

Ikkunsidrat:

16. **Rigward l-ewwel eccezzjoni**:

16.1. Illi a tenur ta' l-artiklu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad sintetikament is-segwenti:

16.1.1.i. Illi rikors guramentat promotur li ssostitwixxa l-procedura bic-citazzjoni precedentement vigenti ghandu jitlesta mill-attur;

16.1.1.ii. Illi ghall-finijiet in dizamina l-istess rikors guramentat ghandu jigi konfermat bil-gurament quddiem ir-registratur jew prokuatur legali mahtur appozitament;

Ikkunsidrat:

17. Illi mill-analizi tal-fatti kif fuq esposti jirrizulta li r-rikors guramentat

in dizamina kien ikkonfermat bil-gurament quddiem prokuratur legali;

18. Illi jirrizulta wkoll pero`, li meta l-istess rikors guramentat promotur gie pprezentat lir-registratur biex tinbeda b'hekk il-procedura odjerna, r-rikorrenti Karin Borg Olivier ma kienitx f'Malta u wisq anqas kienet prezenti fir-registru tal-qorti kif tenut;

Ikkunsidrat:

19. Illi in vista tal-premess il-procedura odjerna tirrizulta irregolari u kontra l-ligi;

Ikkunsidrat:

20. Illi ghaldaqstant, hi sodisfatta li l-intimat Cordina pprova din l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

21. **Rigward it-tieni eccezzjoni:**

21.1. Illi r-rapprezentanza gudizzjarja hi possibilita statutorjament moghtija f'kazijiet specifici meta min ikun irid jagixxi gudizzjarjament ikun b'xi mod impossibilitat;

21.2. Illi meta din ma tkunx tezisti b'mod legittima, l-attur ghandu l-obbligu li jagixxi personalment;

Ikkunsidrat:

22. Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat Cordina pprova l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari minnu sollevati, u konsegwentement:

**DECIDE:**

22.1. Takkolji l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari in dizamina;

22.2. Tiddikjara li l-procedura odjerna hi ghalhekk nulla

22.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti *proprio et nomine.*"

## <u>RIKORS TAL-APPELL tal-atturi (21.12.2015):</u>

4. L-atturi ħassewhom aggravati b'din id-deċiżjoni u għalhekk

interponew dan l-appell, fejn talbu lil din il-Qorti tħassar is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2015 u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut Cordina u tordna l-prosegwiment tal-kawża, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

5. L-aggravji tagħhom huma s-segwenti:

**(i)** **<u>L-ewwel aggravju</u>**: *interpretazzjoni żbaljata tal-liġi*

Fl-ewwel lok jilmentaw li l-ewwel Qorti assumiet li Karina Borg Olivier (li *ex admissis* issiefer ta' spiss bejn Malta u l-Ingilterra), kienet telqet minn Malta wara li ħalfet ir-rikors ġuramentat quddiem il-Prokuratur Legali, iżda qabel ma ġie ppreżentat fir-reġistru. Isostnu li dan imkien ma ġie stabbilit fattwalment in prim' istanza, anzi l-istess Karina Borg Olivier kienet irriteniet li kienet Malta ftit ġranet wara li ħalfet ir-rikors promutur.

Iżidu jargumentaw li n-nuqqas ta' preżenza ta' Karina Borg Olivier fir-reġistru tal-qorti ma jikser l-ebda Artikolu jew subinċiż tal-Kap 12. Ifakkru li l-*modus operandi* tal-prokuraturi legali fir-reġistru, kif ilu jiġri għal għexieren ta' snin, hu li l-klijent jew rikorrent jaħlef ir-rikors quddiemhom u jsir il-ħlas appożitu lilhom, u f'xi ħin qabel ma jagħlaq ir-

reġistru jiġu ppreżentati l-atti kollha tal-ġurnata kollettivament, u jsir il-ħlas lir-Reġistru. Isostnu li tali prassi hija waħda konformi mal-Artikolu 156 et seq tal-Kap 12.

Jgħidu wkoll li l-ewwel Qorti ma setgħetx tiddikjara l-proċeduri nulli abbażi tal-ewwel eċċezzjoni peress li ma ngħatat l-ebda eċċezzjoni ta' kompetenza ai termini tal-Artikolu 741(a) jew 742 tal-Kap 12.

**(ii)** **<u>It-tieni aggravju</u>**: *l-eċċezzjonijiet preliminari ma setgħux iġibu n-nullita` kif kontemplat fl-Art. 789 tal-Kap 12*

Fit-tieni lok jargumentaw illi ż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut Cordina ma setgħu qatt iġibu n-nullita` tar-rikors maħluf skont id-dispożizzjonijiet tal-Art. 789 tal-Kap 12.

Ikomplu jgħidu li meta Karina Borg Olivier ippreżentat ir-rikors ġuramentat kienet qed taġixxi f'isem il-ġenituri tagħha (Alex u Kathleen) u ħuha Nikolai, u dan pjenament skont il-liġi, senjatament ai termini tal-Artikolu 1865(1) tal-Kap 16.

Finalment ifakkru li kif ritenut fil-ġurisprudenza kwistjonijiet

dwar nullita` ta' atti huma kwistjonijiet odjużi għall-finijiet tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u li n-nullita` hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bħal ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. (*Bieb Bieb Enterprises Ltd vs Victor E Mizzi noe*, P.A. 25.03.2015)

**RISPOSTA TAL-APPELL tal-kjamat in kawża Sacha Muscat Inglott (05.02.2016):**

6. Il-kjamat fil-kawża wieġeb biex jgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma. Huwa ta r-raġunijiet tiegħu għaliex l-appell huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

**RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenut Karim Cordina (06.05.2016):**

7. Il-konvenut Karim Cordina ukoll wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex dan l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata konfermata.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**Provi relatati mal-eċċezzjonijiet preliminari:**

8. Ir-rikors ġuramentat ġie ppreżentat mill-Prokuratur Legali Jean

Pierre Busuttil fit-8 ta' Lulju 2014, kif jidher mit-timbru a fol 4. Fuq l-istess paġna hemm timbru ieħor li jiċċertifika li fit-30 ta' Mejju 2014 Karina Borg Olivier ħalfet il-korrettezza tal-att (ir-rikors ġuramentat) quddiem il-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil (*Commissioner for Oaths*).

9. Fost id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat hemm affidavit ta' Karina Borg Olivier (fol 8-15) fejn fl-ewwel paragrafu hemm dikjarat li hija tirrisjedi f'"*33c Wrentham Avenue, London, NW10 3HS."* Dan l-affidavit iġib id-data 30 ta' Mejju 2014. Hija fil-fatt f'dan l-affidavit tikkonferma li tgħix Londra *("…in London where I live*").

10. Fix-xhieda tagħha tat-13 ta' Mejju 2015[2] Karina Borg Olivier spjegat li hija miżżewġa lil Alex Lambert pero` żammet kunjomha. Qalet li f'Londra hija residenti fl-indirizz "*4A, Blenmin Gardens, NW2 4NS*". Qalet ukoll li "*Jiena għandi r-residenza tiegħi f' Malta*". Ippreċiżat li "*Although I spend the majority of my time in London however I visit Malta very frequently*". Qalet li kull tmien ġimgħat ikollha "*a lot of business in Malta*". Qalet li tiftakar li fil-bidu tas-sajf tas-sena 2014 kienet marret il-qorti ma' ommha "*to introduce my case*". Mistoqsija jekk dan kienx fit-30 ta' Mejju 2014 qalet li ma tiftakarx, iżda murija l-affidavit tagħha u dak ta' ommha ftakret li kienet ikkonfermat l-affidavit tagħha bil-ġurament fil-qorti, flimkien mal-prokuratur legali u ommha. Mistoqsija kinitx reġgħet marret

[2] Fol 156-157

il-qorti fit-8 ta' Lulju 2014 biex tippreżenta r-rikors ġuramentat qalet li ma tistax tikkonferma d-data, pero` qalet li "*I confirm that I came to court a second time after the 30th May 2014.*"

11. L-attriċi Kathleen Borg Olivier, fl-affidavit tagħha (anness mar-rikors ġuramentat u datat 30 ta' Mejju 2014)[3] ikkonfermat li bintha l-attriċi Karina Borg Olivier toqgħod Londra:

> *"Nippreċiża ukoll li binti tgħix Londra, u għalhekk kien aktar sempliċi li fl-assenza tagħha niltaqgħu ma' Karim Cordina jien u ibni direttament".*

12. Il-konvenut Karim Cordina ppreżenta[4] kopji ta' estratti mill-midja soċjali *Facebook* u *Twitter,* biex juri li kemm l-attriċi Karina Borg Olivier u kif ukoll żewġha jirrisjedu Londra. Ippereżenta wkoll kopja mis-sit elettroniku tal-aġenzja tar-rikorrenta (*HBO*[5] *Acquisitions Ltd*) fejn l-indirizz indikat huwa wieħed f'Londra u fejn in-numru tat-telefon tal-attriċi Karina Borg Olivier jibda bil-kodiċi internazzjonali telefoniku tal-Ingilterra (+44).

13. Il-prokuratur legali Jean Pierre Busuttil fix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2014[6] qal li r-rikors ġuramentat kien ippreżentah hu fir-Reġistru tal-Qrati "*u dakinhar ir-rikorrenti ma kinitx preżenti fir-Reġistru".* Huwa kkonferma li r-rikors ġuramentat kien ġie maħluf mill-attriċi Karina Borg Olivier fit-30 ta' Mejju 2014 u li hija kienet ħallset l-istess rikors. Mistoqsi

[3] Fol 16-18
[4] Dok FV, fol 150 et seq
[5] Hudson & Borg Olivier
[6] Fol 162

ħallitlux prokura jew mandat espliċitu bil-miktub, irrisponda fin-negattiv.

14. Għalkemm fl-okkju tal-kawża jingħad li Karina Borg Olivier qed tidher bħala "*mandatarja speċjali*" ta' Nicolas Papioannou u in rappreżentanza tal-ġenituri tagħha u ħuha, ma ġiet ippreżentata l-ebda prokura fir-rigward.

**L-ewwel aggravju:**

15. L-ewwel aggravju tal-atturi appellanti jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Karim Cordina.

16. Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu ġiet issollevata n-nullita` tal-proċeduri "***ai termini tal-Artikolu 189 Titolu IV tal-Ewwel Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kap 16***" stante li r-rikors ġuramentat ġie ppreżentat meta l-attriċi Karina Borg Olivier (li kienet qed tidher f'isimha u għan-nom ta' terzi) kienet assenti minn Malta u residenti l-Ingilterra. Sussegwentement talab korrezzjoni fis-sens li l-artikolu li abbażi tiegħu kienet qed tiġi eċċepita n-nullita` tal-proċeduri kellu jaqra "***Art. 180(1)(a) tal-Kap 12***". Tali talba ġiet milqugħa.

17. **L-Artikolu 180(1)(a)** jipprovdi hekk:

(din il-Qorti qed tinkludi s-subinċiż **(b)** ukoll):

"180. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181, il-preżentata tal-iskritturi tista' ssir –

(a) mill-parti stess li tidher fl-isem tagħha nfisha, jew mill-persuna li tidher bħala l-ġenitur tat-tfal taħt is-setgħa tiegħu ta' ġenitur, jew bħala tutur, kuratur. amministratur tal-komunjoni, esekutur, kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor, jew bħala prokuratur ta' knisja, xirka, sptar, jew ta' istituti piji, jew bħala ekonomu ta' proprjetà f'kawża, jew bħala soċju jew rappreżentant ta' ditta, jew bħala wieħed mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, jew bħala aġent jew rappreżentant ta' soċjetà oħra kkostitwita skont il-liġi, **jew bħala prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gżira ta' Malta jew ta' Għawdex, li fiha l-iskrittura tiġi ppreżentata;**

(b) **minn prokuratur legali;**"

(enfasi ta' din il-Qorti)

18. L-ewwel Qorti ma għamlet l-ebda referenza għal dan l-Artikolu 180(1)(a) fis-sentenza tagħha, avolja l-ewwel eċċezzjoni hija ppernjata fuqu. Irriferiet invece għall-Artikolu 156. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

"*156. (1)* ***Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur*** *u għandu jkun fih –*

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*

*(b) ir-raġuni tat-talba;*

*(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u*

*(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

*"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.".*

*(2) Flimkien mar-rikors ġuramentat għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba.*

***(3) Ir-rikors ġuramentat għandu jiġi konfermat bil-ġurament quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissjunarju***

> ***b'setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament.***
>
> *(4) L-attur għandu wkoll jagħti mad-dikjarazzjoni l-ismijiet tax- xhieda li jkun bi ħsiebu jġib, filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x'fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xhieda tagħhom.*
>
> *(5) Meta jitressqu diversi azzjonijiet flimkien kif provdut fl-artikolu 161(3), (4) u (5), mill-inqas wieħed mill-atturi għandu jikkonferma bil-ġurament quddiem ir-reġistratur jew il-prokuratur legali maħtur bħala Kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1)(a).*
>
> *(6) Ir-rikors ġuramentat għandu jiġi notifikat lill-konvenut.*
>
> *(7) Ir-reġistratur ma għandu jirċievi ebda rikors ġuramentat li ma jissodisfax l-elementi tas-subartikolu (1) u l-qorti ma għandha tħalli lil ebda xhud jinġieb sakemm dan ma jkollux ismu mniżżel flimkien mar-rikors. Meta l-ħtieġa għall-produzzjoni ta' xhud tinqala' wara li jkun ġie ippreżentat ir-rikors ġuramentat, jew meta parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha bil-mod kif jingħad fl-artikolu 150(1)(ċ), jew jekk il-qorti jidhrilha li jkun fl-interess tal-ġustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari, il-qorti tista' tħalli lil dak ix-xhud jinstama'.*
>
> *(8) Meta l-prova li hemm maħsub li tinġieb dwar kull xhud ma tiġi dikjarata xejn jew ma tiġix dikjarata biżżejjed fid-dikjarazzjoni, il-qorti għandha fl-ewwel jum appuntat għas-smigħ preliminari tal-kawża tordna lill-attur sabiex jindika b'mod sewwa xi prova bi ħsiebu jġib permezz ta' kull xhud fi żmien li jiġi lilu stabbilit mill-qorti."*

19. L-ewwel Qorti qieset li dan l-artikolu jirrikjedi li r-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u li għandu jiġi kkonfermat bil-ġurament quddiem ir-reġistratur jew il-prokuratur legali maħtur appożitament. Osservat li għalkemm ir-rikors ġuramentat in kwistjoni effettivament inħalef mill-attriċi quddiem il-prokuratur legali, meta fil-fatt ġie ppreżentat hija ma kinitx Malta u "*wisq anqas*" kienet preżenti fir-Reġistru tal-Qorti. Għalhekk ikkonkludiet li l-proċedura hija rregolari u kontra l-liġi u kienet sodisfatta li l-konvenut ipprova l-ewwel eċċezzjoni tiegħu dwar in-nullita` tal-proċeduri.

20. Din il-Qorti ma tikkondividix tali fehma. Jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda prova li tindika li fid-data tal-preżentata tar-rikors l-attriċi ma kinitx Malta. Fi kwalunkwe każ ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-liġi li tirrikjedi li fid-data tal-preżentata tal-kawża l-attur irid ikun preżenti f'Malta, "*wisq anqas"* li jrid ikun preżenti fir-Reġistru tal-Qorti, kif jidher li fehmet l-ewwel Qorti.

21. Li huwa rikjest mil-liġi hu li r-rikors ġuramentat ikun ikkonfermat mill-attur quddiem ir-Reġistratur jew quddiem il-Prokuratur Legali (Artikolu 156(3); u li l-iskritturi (inkluż allura r-rikors ġuramentat) jiġu ppreżentati mill-persuni indikati fl-Artikolu 180(1).

22. Fil-każ in kwistjoni jirriżulta li l-attriċi Karina Borg Olivier fil-fatt ikkonfermat ir-rikors ġuramentat quddiem il-prokuratur legali fit-30 ta' Mejju 2014 [in konformita` mal-Artikolu 156(3)] u jirriżulta wkoll li r-rikors ġie ppreżentat fit-8 ta' Lulju 2014 mill-prokuratur legali [in konformita` mal-Artikolu 180(1)(b)].

23. Fid-dawl ta' dan kollu jirriżulta għalhekk li ma kinitx korretta l-ewwel Qorti meta laqgħet l-ewwel eċċezzjoni, u konsegwentement dan l-ewwel aggravju jirriżulta fondat.

**<u>It-tieni aggravju:</u>**

24. Fit-tieni aggravju tagħhom l-atturi appellanti jargumentaw li ż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari ma setgħux iġibu n-nullita` tar-rikors ġuramentat skont l-Artikolu 789 tal-Kap 12.

25. Jiġi ppreċiżat fl-ewwel lok li n-<u>nullita` tal-proċeduri ġiet eċċepita biss fl-ewwel aggravju</u> u mhux ukoll fit-tieni aggravju, anke jekk fir-risposta tal-appell tiegħu l-konvenut qal li n-nullita` tirrigwarda ż-żewġ eċċezzjonijiet.

26. Issa kwantu għat-tieni eċċezzjoni, l-atturi appellanti jargumentaw li meta ġie ppreżentat ir-rikors ġuramentat, Karina Borg Olivier kienet qed taġixxi f'isem Nicolas Papaioannou permezz ta' prokura, kif ukoll f'isem missierha, ommha u ħuha "*pjenament*" skont l-<u>Artikolu 1865(1)</u> tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

> "*1865. (1) Għall-esekuzzjoni tal-mandat, il-mandatarju jista' jaġixxi ġudizzjarjament; jagħmel u jissokta appelli; jagħmel prova bis-subizzjoni tal-parti kuntrarja; jieħu l-ġurament in litem jew il-ġurament suppletorju; jesegwixxi sentenzi sew fuq ħwejjeġ mobbli kemm immobbli; jitlob il-ħruġ ta' atti kawtelatorji, fosthom dawk li għalihom hu meħtieġ li jsiru rikorsi jew dikjarazzjonijiet bil-ġurament; jitlob, meta hemm jedd, l-arrest tal-persuna tad-debitur tal-mandant; u jagħmel kull ħaġa oħra li l-mandant jista' jagħmel huwa nnifsu, għalkemm dawn is-setgħat ma jkunux espressi fil-mandat.*"

27. Ta' rilevanza huwa l-<u>Artikolu 1866</u> li jsegwi tali provvediment:

> *"Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa,*

*meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786[7] tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: iżda mandatarju taħt mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija għat-twettiq ta' obbligazzjoni jista' jiftaħ kawża f'isem il-mandant irrispettivament minn din id-dispożizzjoni sabiex jipproteġi jew jenforza d-drittijiet garantiti bil-mandat".*

28. Minn dan l-artikolu jirriżulta għalhekk li ladarba l-familjari ta' Karina Borg Olivier ma humiex nieqsa minn Malta, l-istess Karina Borg ma setgħetx toqgħod bħala mandatarju tagħhom.

29. Ifisser għalhekk li, kuntrarjament għal dak allegat mill-atturi appellanti, il-familjari ta' Karina Borg Olivier ma kellhomx bżonn li jkunu rappreżentati minnha f'dawn il-proċeduri ladarba jgħixu Malta. Għalhekk it-tieni eċċezzjoni hija fondata u allura kellha raġun l-ewwel Qorti tilqagħha.

30. Għalkemm l-atturi appellanti huma korretti in kwantu jgħidu li l-fatt li l-familjari ta' Karin Borg Olivier ġew rappreżentati minnha minkejja li joqogħdu Malta ma jwassalx għan-nullita` tal-proċeduri, l-ewwel Qorti ma ddikjaratx il-proċeduri bħala nulli abbażi ta' din it-tieni eċċezzjoni. Fil-fatt kif ingħad, in-nullita` tal-proċeduri ġiet eċċepita fl-ewwel eċċezzjoni u mhux fit-tieni waħda. Madankollu l-Qorti tqis li ghandha issir korrezzjoni

---

[7] **L-Artikolu 786(1)** jipprovdi hekk:

> *"L-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna li tidher jew tkun konvenuta fl-isem jew fl-interess ta' ħaddieħor ma tistax tingħata kontra l-ekonomu jew uffiċjal ieħor li jkun qiegħed jaqdi funzjoni ekwivalenti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex, jew kontra waħda mill-persuni msemmijin fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 180."*

fl-okkju tal-kawza biex tirrifletti l-istat ta' fatt korrett.

31. Għalhekk dan it-tieni aggravju kif impostat jirriżulta infondat.

**DECIDE**

32. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' (limitatament) l-appell tal-atturi u tiddisponi kif ġej:

(i) Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ġiet milqugħa t-tieni eċċezzjoni; u filwaqt li qed jigi dikjarat li ma hemmx nullita` konsegwenzi ghall-eccezzjoni moghtija tordna li fl-okkju tal-kawza isir il-korrezzjoni mehtiega biex jirrifletti li l-atturi kollha, bl-eccezzjoni ta' Nicolas Papaioannou qed jagixxu f'isimhom;

(ii) Tħassar is-sentenza fil-kumplament;

(iii) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni;

(iv) Tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

33. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenut Cordina.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr